

Brussell, 23 ta' Frar 2016
(OR. en)

6159/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0043 (NLE)

SOC 70
EMPL 45
ECOFIN 109
EDUC 32

NOTA

minn:	Working Party on Social Questions
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Sugġett:	Proposal for a Council Decision on guidelines for the employment policies of the Member States - <i>General approach</i>

I. INTRODUZZJONI

Fil-15 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, ibbażata fuq l-Artikolu 148(2) TFUE, fejn tikkunsidra li l-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri kif imniżżlin fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2015¹ għandhom jinżammu għall-2016.

Il-Kumitat tal-Impjiegi ffinalizza l-opinjoni tiegħu fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Frar 2016 (dok. 6153/16), fejn qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li jinżammu l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi tal-2015.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1848 tal-5 ta' Ottubru 2015 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri għall-2015 (ĠU L 268, 15.10.2015, p. 28).

L-opinjoniġiet tal-Parlament Ewropew, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u tal-Kumitat tar-Regġuni għadhom pendenti.

Fit-22 ta' Frar 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali eżamina l-proposta u qabel dwar l-approċċ ġenerali li jinżammu l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi tal-2015, filwaqt li jemenda ftit l-abbozz ta' proposta dwar il-premessi b'kont meħud tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

It-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni huwa anness għal dan ir-rapport. Il-bidliet introdotti rigward il-proposta tal-Kummissjoni (dok. 6152/16), b'segwitu għal Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-22 ta' Frar, huma mmarkati **b'tipa grassa**. F'dan l-istadju huwa kkunsidrat li d-delegazzjonijiet kollha għandhom riżervi ta' skrutinju pożittivi dwar dawn l-emendi.

II. KONKLUŻJONI

Huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill (EPSCO) jaqbel dwar approċċ ġenerali fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Marzu 2016.

L-approċċ ġenerali ser jeħtieġ li jiġi kkunsidrat mill-ġdid meta l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll u ladarba jkunu waslu l-opinjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 148(2) tat-Trattat.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 148(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁴,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula, fl-Artikolu 145, li l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw strateġija kkoordinata għall-impjiegi u b'mod partikolari għall-promozzjoni ta' forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa u li tadatta, kif ukoll swieq tax-xogħol li jirreaġixxu għat-tibdil ekonomiku, bl-għan li jinkisbu l-oġettivi definiti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

- (2) **Fl-14 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2015/1184 tiegħu dwar linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni. Barra minn hekk, fil-5 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/1848 tiegħu ('linji gwida dwar l-impjiegi'). Dawk is-settijiet ta' linji gwida jiffurmaw il-linji gwida integrati għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 ('linji gwida integrati').** L-"Istrateġija Ewropa 2020" proposta mill-Kummissjoni tippermetti lill-Unjoni ddawwar l-ekonomija tagħha lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, akkumpanjat minn impjiegi ta' livell għoli, produttività u koeżjoni soċjali. Ħames miri ewlenin, elenkati taħt il-linji gwida rilevanti, jikkostitwixxu objettivi kondiviżi li jiggwidaw l-azzjoni tal-Istati Membri, u jikkunsidraw il-pożizzjonijiet inizzjali relattivi tagħhom u ċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom, kif ukoll il-pożizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi tal-Unjoni. L-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi għandha r-rwol ewleni fl-implimentazzjoni tal-objettivi marbutin mal-impjiegi u mas-suq tax-xogħol tal-istrateġija l-ġdida.
- (3) Dawn il-linji gwida integrati huma f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Huma jagħtu gwida preċiża lill-Istati Membri fid-definizzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom u fl-implimentazzjoni tar-riformi, waqt li jirriflettu l-interdipendenza u f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-linji gwida dwar l-impjiegi għandhom jiffurmaw il-bażi għal kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż li l-Kunsill jista' jindirizza lill-Istati Membri skont l-Artikolu 148(4) TFUE, b'mod parallel mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istati Membri skont l-Artikolu 121(2) ta' dak it-Trattat. Il-linji gwida dwar l-impjiegi għandhom ukoll jiffurmaw il-bażi għall-istabbiliment tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi li jintbagħat kull sena mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill Ewropew.
- (4) L-eżami tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-Istati Membri li jinsab fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi juri li l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz **biex tingħata spinta lid-domanda għax-xogħol, tiżdied il-provvista tax-xogħol, il-ħiliet u l-kompetenzi, jissaħħaħ il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs.**
- (5) L-Istati Membri għandhom jesploraw l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew meta jiġu biex jimplimentaw il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi.

5(i) Il-linji gwida dwar l-impjiegi għandhom jibqgħu stabbli sabiex jiżguraw fokus fuq l-implimentazzjoni tagħhom. Kwalunkwe aġġornament tal-linji gwida dwar l-impjiegi għandu għalhekk jibqa' strettament limitat u, abbażi ta' valutazzjoni tal-iżviluppi tas-swieq tax-xogħol u tas-sitwazzjoni soċjali, sa mill-adozzjoni tagħhom fl-2015, aġġornament bħal dan ma jkunx meħtieġ. Ir-raġunijiet għall-adozzjoni tal-Linji gwida fl-2015 jibqgħu validi u dawk il-Linji gwida għandhom jinżammu.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri kif jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2015 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri⁵ għandhom jinżammu għall-2016 u għandhom ikunu kkunsidrati mill-Istati Membri fil-politiki tal-impjiegi tagħhom.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1848 tal-5 ta' Ottubru 2015 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 268, 15.10.2015, p. 28).